MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tas-27 ta' Settembru, 2007

Numru 96/2006

**Il-Pulizija**
**(Spt. Carmelo Magri)**
**vs**
**Joseph Coleiro**
**Silvio Coleiro**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra;

**Joseph Coleiro** ta' 44 sena, bin Philip u Osanna nee' Cachia, mwieled Haz-Zebbug fis-16 ta' Marzu, 1961, residenti 'Sunshine Flats', 2, Triq is-Sajjieda, San Pawl il-Bahar u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 196561(M);
**Silvio Coleiro** ta 39 sena, bin Philip u Osanna nee' Cachia, mwieled Haz-Zebbug fil-21 ta' Settembru, 1966,

residenti ‘Geelong’, Triq is-Saljatura, Mqabba u detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 409166(M).

Talli fit-3 t’Ottubru, 2005, ghall-habta tat-8.00 ta’ filghaxija mill-lukanda ‘Radisson SAS Golden Sands Resort & Spa’ ta’ Ghajn Tuffieha kkommettejtu serq ta’ materjal tal-kostruzzjoni ghad-dannu tad-dirigenti ta’ l-istess lukanda. Liema serq huwa kkwalifikat bil-hin.

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, xjentement ilqajtu ghandkom jew xtrajtu hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq, jew akkwistati b’reat, sew jew sar f’Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b’kull mod li jkun, indhaltu biex tbieghuhom jew tmexxuhom.

Lil Silvio Coleiro wahdek talli fl-istess data u cirkostanzi, bil-hsieb li tikkaguna feriti ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ Johann Portelli minn tas-Sliema wrejt dan il-hsieb billi b’atti esterni tajt bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt u soqt van Toyota Hilux bin-numru tar-registrazzjoni DBA-234 fid-direzzjoni tieghu, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta’ tieghek.

Lil Silvio Coleiro wahdek talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, soqt l-istess vettura b’manjiera perikoluza, negligenti, bla kont u b’sewqan aktar milli jmissek.

Il-Qorti hija gentilment mitluba li barra li taghti l-piena stabbilita’ mill-ligi, tapplika l-provedimenti tal-Artikolu 22 tal-Kap. 65, u tiskwalifika lil Silvio Coleiro mill-licenzji kollha tas-sewqan ghall-perjodu ta’ mhux anqas minn tnax-il xahar.

Rat il-kunsens tal-avukat generali u n-nuqqas ta' oggezzjoni tal-imputat sabiex il-kaz kontra tieghu ikun trattat u deciz bil-procedura sommarja;

Semghet il-provi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi fit-3 ta' Ottubru tal-2005, l-Ispettur prosekutur kien infurmat illi xi persuni setghu kienu qed jisirqu materjal tal-kostruzzjoni u li dawn kienu qed jaghmlu uzu minn vettura DBA-234 u li allegatament kien involutu zewg ahwa, wiehed minnhom watchman jahdem fil-vicin. L-Ispettur kien baghat ghal zewg persuni, l-imputati odjerni, li stqarrew mieghu li kienu responsabbli tal-allegat serq u li kienu lesti jroddu lura l-oggetti. Silvio Coleiro kien qallu li kull ma kien ha kienu zewg xkejjer ta' gypsum u roll membrane li ramihom fit-triq ta' Ghajn Tuffieha;

Johan Portelli, security officer fil-lukanda Golden Sands xehed illi dakinhar fit-8 pm kien infurmat li kien hemm persuni suspettuzi fil-proprjeta'. Huwa talab l-assistenza ta' shabu meta ra lil dawn il-persuni. Hin minnhom raw lil dawn il-persuni jsuqu bil-vettura taghhom lejn it-triq u ghalhekk avvicina biex jiehu d-dettalji tal-vettura u ghamel sinjal biex jieqfu izda il-vettura instaqet ghad-direzzjoni tieghu izda resaq min-nofs biex tghaddi. In awla, dan ix-xhud gharaf lill-imputat Silvio Coleiro bhala x-xufier u lil Joseph Coleiro bhala l-passiggier.

Jonathan Callus, Chief Security Officer tal-istess lukanda qal li kien infurmat bil-kaz u ghalkemm ma kienx fuq il-post gharaf lill-imputati bhala zewg persuni li jiehdu hsieb il-parti t'isfel tal-lukanda minn fejn sehh is-serq. Huwa qal li dan il-materjal kien ta' kuntrattur u kien ser jintuza fil-progett tal-bini tal-lukanda.

Fil-kors tal-provi taghha, l-prosekuzzjoni esebiet stqarrija ta' kull imputat. Joseph Coleiro qal li fuq talba ta' huh kien ghabbielu roll membrane u zewg xkejjer gypsum fil-vann u li qatt ma kien fil-vann ta' huh meta dan telaq b'dawn l-affarijiet. Joseph Coleiro sqtarr l-istess u t-tnejn innegaw li Silvio Coleiro qatt saq bi speed eccessiv fuq min prova jwaqqfu.

Dawn kienu l-provi tal-prosekuzzjoni.

Ikkunsidrat:

Illi dwar l-ewwel akkuza, irid jinghad illi ic-Chief Security Officer xehed illi l-oggetti mertu tal-kaz ma kienux jappartjenu lid-dirigenti tal-Lukanda izda lil-kuntrattur li kien ser juzahom fil-kostruzzjoni tal-istess. Illi fil-gurisprudenza tal-Qrati taghna huwa pacifiku li l-prosekuzzjoni m'ghandhiex ghalfejn tipprova ta' min hu l-oggett misruq izda meta jkun pruvat li l-oggett ma jappartjeni lil hadd, *res nullius*, allura r-rejat ma jissustix. Fil-kaz in dizmina l-oggett ma kienx wiehed abbandunat ghaliex tqieghed jew tqieghdu fir-recint tal-lukanda mill-kuntrattur biex jintuzaw fil-kostruzzjoni.

Illi mill-istqarrijet tal-imputati, jirrizulta illi dawn kienu jafu li huma qed jiehdu oggetti li ghandhom valur, li jappartjenu lil haddiehor, bl-iskop li jipprivaw lil sidhom u ghal-skop ta' lucru. Minkejja li s-serq huwa rejat li mhux definit fil-Kap 9, l-Qrati taghna dejjem irritenew li dawn huma l-elementi li jikkostitwuh. Dawn l-elementi kienu kollha pruvati mill-prosekuzzjoni. Dan r-rejat sehh ghal-habta tat-8 pm fit-3 t'Ottubru u ghalhekk l-aggravju tal-hin jirrizulta pruvat.

Irid jinghad illi l-prosekuzzjoni ma giebet ebda prova dwar il-valur tal-oggetti misruqa. Dan ma jistax ikun prezunt izda irid ikun pruvat u ghalkemm l-imputati mhumiex akkuzati b'serq aggravat bil-valur, tali nuqqas ghandu jmur favur l-imputat billi jkun applikat l-artikolu 282 tal-Kap 9

Illi t-tieni akkuza hija naturalment wahda alternattiva ghall-ewwel akkuza li stante li tirruzlta pruvata din il-Qorti ma tistax issib htija dwar l-istess tieni akkuza;

Dwar it-tielet akkuza, il-Qorti hi tal-fehma illi ma hemmx provi sufficjenti biex tinstab htija. Il-kwerelant xehed illi huwa prova jwaqqaf il-vettura milli tibqa' ghaddejja izda s-sewwieq baqa' ghaddej. Fl-istqarrija tieghu, l-imputat qal li meta kien qed isuq tfacca xi hadd bid-dawl f'wiccu u f'dak id-dlam nhasad. Sabiex dan ir-rejat jirrizulta jehtieg li l-prosekuzzjoni tressaq il-prova li l-imputat Silvio Coleiro kellu l-hsieb li jikkaguna ferita ta' natura gravi fuq il-persuna tal-kwerelant. Meta l-kwerelant stess xehed illi

huwa hareg fin-nofs biex iwaqqaf il-vettura din il-Qorti trid tkun konvinta illi f'dak il-hin istantanju, l-imputat ifformula il-hsieb tieghu u ddecieda li kien ser jikkawza feriti gravi fuq il-kwerelant billi jibqa' ghaddej akkost ta' kollox. Dan huwa improbabbli ghaliex il-hin biex wiehed jifformula tali hsieb f'dawk ic-cirkostanzi kien qasir wisq u di piu' l-attentat ta' dan ir-rejat ma jistax' ikun pruvat meta l-imputat seta jaghmel dak li allegat il-prosekuzzjoni billi jsuq direttament fuq il-kwerelant, haga li ma jirrizultax li ghamel skond il-provi;

L-istess jinghad dwar l-ahhar akkuza stante li l-provi huma konflingenti.

Ghal dawn il-mottivi il-Qorti qed issib lil-imputati hatja tal-ewwel akkuza, ma ssibhomx hatja tat-tieni akkuza, kif ukoll ma ssibx lill-imputat Silvio Coleiro hati tat-tielet u r-raba akkuza u tilliberhom minnhom;

Rat l-artikolu 261(f), 270, 281 u 282 tal-Kap 9;

Rat il-fedina penali tal-imputati;

Minflok li tikkundanna lil-imputati, din il-Qorti qed tilliberhom bil-kondizzjoni li ma jghamlux rejat iehor sa zmien sena (1) mil-lum skond l-artikolu 22 tal-Kap 446. Dan qed isir minkejja li Silvio Coleiro gia

inghata tali liberazzjoni f'okkazjonijiet ohra fuq rejati ta' anqas portata u qed ikun imfissier l-import ta' din il-liberazzjoni lill-imputati.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------